# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 25**

**Rikors numru 619/15 SM**

**Anthony Scicluna**

**v.**

**Antonia Dalli**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat li ppreżenta l-attur fil-25 ta' Ġunju, 2015, li jaqra hekk:

> "Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu Anthony Scicluna jiddikjara u jikkonferma:
>
> (1) "Illi l-attur u l-mejjet Louis Scicluna, huma l-unici ulied tal-mejtin Michael u Concetta nee Attard konjugi Scicluna.

(2) “Illi Louis Scicluna miet testat fis-17 ta’ Settembru 2014 skond certifikati tal-mewt hawn anness u mmarkat dokument A u skond certifikati testamentarji, dokumenti B, C u D hawn annessi, l-uniku testament li huwa ghamel huwa dak tas-27 ta’ Frar 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice skond dokument E.

(3) “Illi skond dan it-testment, Louis Scicluna innomina bhala eredi universali tieghu lill-intimata.

(4) “Illi meta ghamel dan it-testment, huwa ma kienx kapaci u ma kienx jinsab fil-pjeni poteri mentali tieghu skond il-ligi li jaghmel dan it-testment stante li huwa kien suxxettibbli u kien affettat b’marda serja u cioe` b’tumur f’mohhu li kien jinstab fuq il-‘Petuitary Gland’ u l-procedura uzata li tissejjah “Craniotomy” effettwatulu flimkien mat-tumur il-kapacita` ta’ gudizzju tieghu.

(5) “Illi kulhadd kien jaf li Louis Scicluna kien affettat b’marda serja u ma kienx kapaci jiehu hsieb l-affarijiet tieghu tant li hafna mill-prestazzjonijiet medici kienu jigu prestati mill-attur fl-interess ta’ huh.

(6) “Illi l-intimata abbusat lil mejjet Louis Scicluna ghal snin twal ghax kieku kellha intenzjoni retta, ma kinitx ighieghelu jaghmel affarijiet li huwa ma riedx jaghmel u li dejjem esprima ma; haddiehor volonta` kuntrarja.

(7) “Illi huwa tul dawn l-ahhar sitt snin qabel l-mewt tieghu ma kienx la jikkomunika mal-kontendenti b’mod kostruttiv u cioe` l-anqas bil-kliem u l-anqas bil-gesti.

(8) “Illi huwa kien jitkellem b’mod li meta wiehed kien ikellmu, kien jinduna u jidher li huwa ma jikkordinax u li ma kienx normali u kultant kien jaghmel espressjoni f’wiccu ta’ tbissima cassa.

(9) “Illi ghalhekk meta huwa ghamel dan it-testment ma kienx kapaci peress li huwa ma kienx f’sensih fl-epoka li sar it-testment u konsegwentement it-testment ta’ Louis Scicluna huwa null u bla effett fil-ligi stante l-inkapacita` tieghu.

(10) “Illi l-istat abitwali tat-testatur fl-epoka qabel it-testment, u anke wara t-testment sal-mewt tieghu kien illi t-testatur kellu marda serja u cioe` tumur f’mohhu li kien jinstab fuq il-‘Petuitary Gland’ u l-procedura uzata li tissejjah “Craniotomy” effettwatulu flimkien mat-tumur il-kapacita` ta’ gudizzju tieghu li aggravat aktar biz-zmien u kkawzatlu nuqqas ta’ gudizzju li gabitu vulnerabbli u f’idejn l-intimata.

(11) “Illi ghalhekk huwa kien marid b’mohhu tant li kellu kundizzjoni ta’ epilepsija gravi b’konsegwenza ta’ din l-operazzjoni li kienet

naqsitlu l-kapacita` ta' gudizzju meta ghamel dan it-testment u kien ta' mohh u ta' volonta` tant debboli li kien strument f'idejn l-intimata Antonia Dalli u ghalhekk dan it-testment mhux validu skond il-ligi u partikolarment skond l-Artikolu 597 tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta.

"Ghaldaqstant l-esponenti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) "Tiddikjara u tiddeciedi illi Louis Scicluna bin il-mejtin Michael u Concetta Scicluna ma kienx kapaci biex jaghmel it-testment tas-27 ta' Frar 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala dokument E.

(2) "Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi dan it-testment hawn fuq riferit huwa null u bla effett gjuridiku stante illi Louis Scicluna kien effettwat b'marda serja f'mohhu maghrufa bhala "Craniotomy" meta ghamel dan it-testment li kienet teffettwalu l-gudizzju tieghu u/jew subordinatament kien ta' mohh u ta' volonta` tant debboli li kien strument f'idejn haddiehor u ghalhekk dan it-testment mhux validu skond il-ligi u partikolarment skond l-Artikolu 597 tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta.

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-12 ta' Frar 2015 u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni."

Rat ir-riposta ġuramentata tal-konvenuta li in forza tagħha eċċepiet:

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjeż stante illi meta d-defunt Louis Scicluna iddispona mill-gid u l-beni kollha tieghu ghal wara mewtu permezz ta' testament fl-atti tan-Nutar Dott. Marthese Felice datat ghoxrin (20) ta' Frar elfejn u tmienja (2008) huwa kien jippossjedi l-fakoltajiet mentali rikjesti sabiex ikun jista' jiddisponi ghal wara mewtu permezz ta' testment;

"2. Illi ulterjorment, it-testatur Louis Scicluna fil-mument gie ppublikat it-testment kellu l-kuxjenza, jew ahjar kien jaf u qed jifhem x'kien qed isir u ghalhekk it-testment huwa validu skond il-ligi;

"3. Illi t-tumur imsemmi fir-rikors promotur tnehha b'intervent kirurgiku fl-elf disgha mija u hamsa u tmenin (1985) u t-testatur zamm l-impjieg ghal circa hmsiatx (15) il-sena wara l-intervent u konsegwentement sikurament li ma kien hemm l-ebda effett fuq il-kapacitajiet mentali;

> "4. Illi ghalhekk it-testment maghmul minn Louis Scicluna, fl-atti tan-Nutar Dott. Marthese Felice datat ghoxrin (20) ta' Frar elfejn u tmienja (2008) huwa validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April, 2019, li in forza tagħha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:

> "20.1. Takkolji l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimata;
>
> "20.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;
>
> "20.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:
>
> > "9.1. Illi l-procedura odjerna tirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrenti li qieghed isosstni li huh Louis Scicluna kien "*incapax*" meta irrediga l-uniku testment tieghu datat is-27 ta' Frar, 2008, *in atti* tan-Nutar Dottor Marthese Felice, (ara foll 8);
> >
> > "9.2. Illi fl-imsemmi testment, id-*decuius* Louis Scicluna halla lill-intimata Antonia Dalli bhala l-unika eredi universali tieghu, (ara foll 8);
> >
> > "9.3. Illi bejn l-imsemmi Louis Scicluna u l-imsemmija intimata kien hemm relazzjoni intima li kienet bdiet meta l-istess intimata kellha 18 -il sena u baqghet sakemm l-imsemmi Louis miet, (ara foll 117);
> >
> > "9.4. Illi l-istess relazzjoni kienet mibnija fuq l-imhabba, (ara foll 117);
> >
> > "9.5. Illi r-relazzjoni affettiva bejn l-imsemmija Louis u l-intimata Antonia hi kkonfermata mix-xhieda guramentata ta' Jane Falzon meta sosstniet li kienet taf li dawn kienu f'relazzjoni minn mindu kienu tfal, (ara foll 115);

"9.6. Illi in effetti meta l-imsemmi Louis kien imur ghall-kura l-isptar "generalment kien ikun hemm sinjura mieghu. Jekk ma nizbaljax hi l-intimata prezenti fl-awla", (ara foll 88);

"9.7. Illi fir-rigward tar-relazzjoni li kienet tezisti bejn ir-rikorrenti u huh id-"*decuius*" Louis, jinghad sintetikament is-segwenti:

"9.7.1. Illi n-Nutar fuq gia` riferita ssosstni li kienet taf li Louis Scicluna kien semmiela li kien hemm xi inkwiet ma huh Anthony – ir-rikorrenti, (ara foll 122);

"9.7.2. Illi jirrizulta assodat li ntbaghtu ittri ufficjali bejn l-istess ahwa, fosthom dik datata l-4 ta' Jannar, 2012, (ara foll 121);

"9.7.3. Illi skont l-imsemmija Jane Falzon l-ahwa Scicluna hawn in dizamina ma kienux jaraw "*eye to eye*", (ara foll 115);

"9.8. Illi permezz tal-azzjoni odjerna r-rikorrenti qieghed jipprova jimpunja t-testment in dizamina ghaliex skont hu, t-testatur kien priv mill-kapacitajiet mentali tieghu minhabba l-kundizzjoni medika li kien ghadda minnha, (ara foll 1 u 32);

"9.9. Illi in vista tal-istess ir-rikorrenti jsosstni li d-*decuius* kien allura priv mill-kapacitajiet mentali tieghu biex ikun jista' jiddisponi minn hwejgu;

"9.10. Illi min-naha taghha l-intimata tirrispondi li t-testatur in dizamina kien fil-pussess pjen tal-fakultajiet mentali tieghu u ghalhekk seta' jiddisponi minn hwejgu skont il-ligi;

"9.11. Illi in effetti l-intervent kirurgiku in kwistjoni kien sehh fl-1985 u l-istess Louis Scicluna li ssubieh kien baqa' jahdem fl-impjieg li kellu, (ara foll 23);

"Ikkunsidrat:

"10. Illi l-principji guridici li jirregolaw il-materja in dizamina gew enuncjati bi kjarezza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet Carmen Josephine Cassar vs. Louis *sive* Lewis Naudi *et*, datata s-6 t'Ottubru, 2010, li irriteniet is-segwenti:

"Distingwibilment, f'aktar dettal jinsab rikapitulat illi l-principji li ghandhom jircievu applikazzjoni f'kazijiet ta' impunjazzjoni ta' testment minhabba insanita` mentali huma dawn li gejjin:-

"1. Li l-kapacita` li wiehed jaghmel testment hi r-regola u l-inkapacita` hi l-eccezzjoni;

"2. Li regola ohra fundamentali hi wkoll dik stabbilita mill-paragrafu (d) ta' l-artikolu 634, (fil-prezent l-Artikolu 597 (d) tal-Kodici Civili), li huma inkapaci

li jiddisponu b'testment dawk li fiz-zmien tat-testment ma jkunux f'sensihom, ("*of unsound mind*");

"3. Li biex wiehed jaghmel testment ma hemmx bzonn "*una mente perfettamente e rigorosament sana, ma basta quell' limitato uso della ragione che permetta la coscienza di cio` che si fa`; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve aver riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie*" tal-Kassazzjoni ta' Torino ta' l-4 ta' Frar, 1871); (ara sentenza tal-Qorti

"4. Li biex tigi stabbilita l-insanita` mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi;

"5. Li l-qrati taghna dejjem kienu renitenti li jammettu d-domandi biex jigi annullat testment minhabba insanita` mentali tat-testatur, jekk din l-inkapacita` ma tkunx irrizultat b'mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-testment;

"(Ara d-decizjoni fl-ismijiet "Joseph Vassallo *et* - vs - Avv. Dr. Victor R. Sammut *et nomine*", (Appell Civili, 24 ta' April, 1950, b'ripetizzjoni ta' l-enuncjazzjonijiet fid-decizjoni ta' l-istess Qorti tat-22 ta' Gunju, 1938, *in re*: "Giuseppe Formosa *et* -vs- Giuseppe Axiak *et*;

"Dikjaratament, kompla jigi avvertit illi "min jimpunja testment ghall-vizzju tal-menti tat-testatur mhux biss hu obbligat jipprova dak il-vizzju, izda l-prova tieghu ghandha wkoll tikkolpixxi l-mument stess jew zmien prossimu meta t-testment jigi maghmul; il-ghaliex il-fattijiet, jew ahjar l-ezistenza ta' difetti mentali alkwantu anterjuri jew posterjuri, ghalkemm jistghu jservu ta' amminikoli, *eppure* ma jistghux jigu ritenuti bhala prova pjenament konvincenti fil-kaz ta' vizzju tal-menti temporanju jew rikorrenti (ara *Journal du Palais*, Qorti ta' Donai, 5 ta' Mejju, 1850 – Marcel, Vol. 1852, 2, 609). Din is-silta hi mehuda mid-decizjoni tal-Prim'Awla, Qorti Civili, tat-8 ta' Marzu, 1952, fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Mifsud *et* -vs- Maria Giordano *et*;

"In essenza, mill-enuncjazzjonijiet dedotti, hu sinjifikattiv, izda mhux bilfors deciziv, il-fatt li t-testatur seta' kien inkapaci f'mument antecedenti, u successiv ghat-testment. Dak li effettivament ghandu piz jibqa' x'kien l-istat psiko-fiziku tieghu fil-mument tal-konfezzjoni tat-testment. Fundamentalment, jekk kienx ta' stat tali li seta' jissoprimi l-attitudni tieghu biex jiddeciedi b'mod koxjenti u liberu. Prova din li, dejjem fuq l-istregwa tal-gurisprudenza enuncjata, trid tkun wahda serja u rigoruza. Din ir-riflessjoni issib risonanza konfermatorja fid-decizjoni inedita fl-ismijiet Joseph Bonavia *et* -vs- Giovanni Bonavia *et*, Prim'Awla Qorti Civili, 20 ta' Ottubru, 1971;"

"Ikkunsidrat:

"11.0. Illi fir-rigward tal-analisi medika kondotta mill-kunsulent newrologu li kien qed jikkura lill-imsemmi Louis Scicluna jirrizulta li, (ara foll 72):

"11.1. Fil-perjodu ikkoncernat l-imsemmi Louis ma kienx gie ezaminat biex jigi skopert kienx mentalment kapaci jew le biex ikun jista' jiddisponi minn hwejgu;

"11.2. Illi pero` kien hemm provi dokumentarji bizzejjed biex juru li wara l-operazzjoni li kien issubixxa, l-imsemmi Louis ma kienx qieghed jagixxi b'mod normali;

"12.0. Illi skont in-Nutar fuq gia` riferita jirrizulta s-segwenti, (ara foll 123):

"12.1. Illi meta l-imsemmi Louis kien mar ghandha biex jirredigi t-testment mertu tal-procedura odjerna, dan kien jidher li ma kienx totalment f'sahhtu;

"12.2. Illi pero` mentalment "... kien jaf ezattament xi jrid jaghmel";

"12.3. Illi l-istess Nutar ma hassitx li kellha titlob certifikat mediku u dan, "... ghaliex il-mod kif kien qed jikkomporta ruhhu ma kienx li tirrikjedi tali ezami";

"13. Illi jirrizulta wkoll li *nonostante* li l-imsemmi Louis kien issubixxa operazzjoni serja fil-mohh l-agir tieghu kien wiehed normali, (ara foll 87);

"Ikkunsidrat:

"14.0. Illi fir-rigward tat-testment mertu tal-procedura odjerna jinghad sintetikament is-segwenti:

"14.1. Illi d-*decuius* in dizamina halla lill-intimata bhala l-eredi universali tieghu, (ara foll 8);

"14.2. Illi *di piu`* stabbilixxa wkoll li fl-eventwalita` li l-intimata tigi nieqsa qabblu innomina lil Rudolph u Dunstan ahwa Muscat, ulied Joseph Muscat u Mary *nee`* Dalli, u lin-neputija tieghu Stephanie Scicluna bint huh Anthony Scicluna – ir-rikorrenti, (ara foll 8);

"Ikkunsidrat:

"15.0. Illi ghandu jkun pacifiku li d-*decuius* in dizamina kien verament jaf x'qed jaghmel billi:

"15.1. L-ewwel appunta lill-kompanja ta' hajtu bhala eredi universali;

"15.2. Illi sussegwentement, jekk din tipprecedieh ghall-eternita`, appunta lin-neputijiet fuq riferiti bhala eredi tieghu;

"15.3. Illi in effetti anke jsemmi lir-rikorrenti stess bhala missier Stephanie fuq riferita – izda biss bhala indikazzjoni genealogika u mhux f'xi kwalita` ta' beneficjarju fl-imsemmi testment;

"15.4. Illi ghalhekk dan juri wkoll li t-testatur *de quo* volutament ried, jekk jikkonkorru c-cirkostanzi, li jibbenefikaw in-neputijiet – izda mhux ir-rikorrenti;

"16. Illi in vista tal-premess it-testment *de quo* ma jistax hlief li jigi meqjus bhala wiehed ragonevoli;

"Ikkunsidrat:

"17. Illi ssir issa referenza ghar-rapport mediku ta' Dr. Victor Muscat, (ara foll 107), li jsosstni li rizultat tal-kura moghtija lill-imsemmi Louis Scicluna dan kellu "*... impaired cognitive skills and impaired judgement ...*", (ara wkoll foll 179);

"18. Illi jirrizulta pero` mix-xhieda tal-istess li l-ahhar darba li dan kien ra lill-imsemmi Louis Scicluna kien "... madwar tletin sena ilu ...", (ara foll 144);

"19. Illi in vista tat-trapass ta' zmien hekk riskontrat din il-qorti ma tistax taghti piz probatorju lic-certifikat mediku in kwistjoni fuq hawn riferit *stante* li l-istess espert mediku ezamina lill-imsemmi Louis hafna snin qabel ma ddepona, u l-istess dijanjosi medika hi wkoll kontradetta minn dijanjosi t'esperti medici ohra kif fuq indikat;

"Ikkunsidrat:

"20.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma irnexxilux jipprova li fil-mument tat-testment, it-testatur Louis Scicluna kien inkapaci li jiddisponi minn hwejgu wara mewtu, u minflok jigi ribadit li r-rizultanzi juru l-istess kien lucidu bizzejjed u kapaci skont il-ligi biex jaghmel testment, u konsegwentement."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi, talab biex din il-Qorti:

"…thassar is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' April 2019 fl-ismijiet premessi u minflok tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.

"Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."

Rat ir-risposta tal-konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li l-appell ghandu jigi respint, bl-ispejjez kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur qed jittanta jimpunja testment li l-mejjet Louis Scicluna ghamel fl-atti tan-Nutar Marthese Felice tas-27 ta' Frar, 2008, li bih hatar lill-konvenuta bhala l-unici eredi tieghu.  L-attur qed jallega li t-testment hu null peress illi d-decujus ma kienx kapaci u ma kienx fil-pjeni poteri mentali tieghu meta ghamel it-testment.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici wara li qieset li mill-provi ma kienx jirrizulta li d-decujus ma kienx kapaci jirredigi t-testment tieghu.

L-attur appella mis-sentenza u jirribadixxi l-allegazzjoni tieghu li huh Louis Scicluna ma kienx mentalment kapaci li jaghmel testment.

Trattat l-appell, din il-Qorti trid tosserva li l-validita` ta' dokument pubbliku hija prezunta, u min jallega l-kuntrarju jrid iressaq provi cari u konvincenti biex iwaqqa' din il-preżunzjoni. Il-principji li jirregolaw din il-materja gew esposti tajjeb ferm fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Marzu, 1952, fl-ismijiet **Carmelo Mifsud et v. Maria Giordano et**. (Kollez. Vol. XXXIV.ii.404). Fiha gew registrati s-segwenti kummenti:

> *"Illi jidher unanimament car mid-dottrina u l-gurisprudenza li l-ligi tammetti latitudini konsiderevoli fl-interpretazzjoni ta' l-istat mentali in kwantu jirriferixxi ruhu ghall-kapacita` testamentarja. Tabilhaqq, giet sostnuta b'success il-validita` ta' testment maghmul minn persuna li kienet "a priori" turi kapacita` dubbja, imma li gie pruvat li kellha intelligenza sufficjenti, ghalkemm inferjuri ghall-medja, ghall-ezercizzju legali tad-dispozizzjoni ta' hwejjigha. Minn dana jitnissel li l-kwistjoni kollha, f'materja ta' validita` ta' tesmenti, tirraggira ruhha dwar il-problema jekk il-partikolari testatur jinsabx f'kondizzjoni mentali tali, minhabba fl-inkapacita` naturali, eta` avanzata, mard jew insanita`, li jkun kapaci li jifhem li dak li jkun qieghed ihalli bl-ahhar att tal-volonta` mill-istess proprjeta` tieghu jkun qieghed ihallieh lil "certa" persuna jew persuni, jekk jifhemx mentalment il-portata ta' l-estensjoni ta' l-assi tieghu, u jekk ikunx inkapaci li jifhem in-natura u l-effetti ta' l-att proprju fir-relazzjoni mal-pretensjonijiet naturali ta' dawk il-persuni li jigu eskluzi bit-testment tieghu;*
>
> *"…*
>
> *"Illi r-regola mnizzla fl-Art. 634 (d) tal-Kodici Civili, Kap. 23 ta' l-Ediz. Riv. li huwa inkapaci jiddisponu minn hwejjighom dawk li ma jkunux f'sensihom, ghandha tigi provduta u sostanzjata minn min ikun qieghed jattakka t-testment minhabba fl-inkapacita`. Fil-verita`, it-testatur mhux interdett ghandu jigi prezunt, salva l-prova "in contrario", ta' menti sana fil-waqt tat-testment. Min jimpunja testment ghall-vizzju tal-menti tat-testatur mhux biss huwa obligat jipprova dak il-vizzju, izda l-prova tieghu ghandha wkoll tikkolpixxi l-mument stess jew zmien prossimu meta l-istess testment jigi maghmul;*
>
> *"Il-ghaliex il-fatti, jew ahjar l-ezistenza ta' difetti mentali alkwantu anterjuri jew posterjuri, ghalkemm jistghu jservu ta' amminikoli, eppure ma jistghux ikunu ritenuti bhala prova pjenament konvicenti fil-kaz ta' vizzju tal-menti temporanju jew rikorrenti (ara Journal du Palais, Qorti ta' Douai, 5 ta' Mejju 1850 – Marcel, Vol. 1852, 2, 609);*
>
> *"…*

> *"Illi ghall-validita` ta' testment huwa bizzejjed li t-testatur ikollu kuxjenza, jew ahjar li jkun jaf u jifhem x'ikun qieghed isir u li fil-fatt ikun sar, b'mod li mhux imprexindibilment mehtieg li l-volonta` intelligenti u libera tat-testatur tkun perfettament u rigorozament sana (Annali della Giurisprudenza Italiana, Vol. XII, P.I, sez. 1, pag. 503, Kassazzjoni ta' Torin, 19 ta' Lulju 1878, in re Biale c. Rua, u Vol. IV, P. II, pag. 465, Appell Casale 20 ta' Dicembru 1866, in re Bellario utrinque). Del resto, il-kliem ta' l-Art. 634 (d) tal-Kodici Civili jidhru li gew mil-legislatur adoperati f'sens assolut, b'mod li tahthom ma jistghux jaqghu persuni ohra li, ghalkemm mhux mija fil-mija rigorozament sani mentalment (bhal ma huma dawk li jbatu biex jifhmu, ta' intelligenza skarsa, ta' menti debboli, ta' idejiet strambi jew dizordinati, l-istravaganti, l-eccentrici, u simili), eppure ma jistghux jinghadu li huma mhumiex f'sensihom. Anki l-ispirtu tad-dispozizzjoni jirrikonoxxi li huwa bizzejjed li bniedem ikun konxju tieghu nnifsu u ta' l-azzjonijiet tieghu, sabiex ikollu l-kapacita` li jaghmel dispozizzjoni testamentarja."*

Huwa risaput ukoll li x-xhieda tan-Nutar li jkun irrediga t-testment hija importanti biex jigi stabbilit jekk it-testatur kienx jaf x'inhu jaghmel f'dak il-mument. Din il-Qorti, meta rat l-atti u l-provi mressqa, tghid li taqbel mal-analizi tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti u li ghalhekk it-testment in kwistjoni ma jistax jitqies null.

It-testatur Louis Scicluna kien, zmien qabel ma ghamel it-testment, ghamel operazzjoni f'mohhu li, rizultat taghha, ma kienx qieghed jagixxi b'mod normali. Dan gharfitu mill-ewwel in-Nutar avvicinata biex tiktiblu t-testment, pero`, xehdet li t-testatur "*kien jaf ezattament xi jrid jaghmel*". In-Nutar ma hasbitx li kellha titlob certifikat mediku dwar l-istat mentali tat-testatur peress illi gharfet li l-komportament tieghu kien ta' persuna li kien jaf x'inhu jaghmel. It-testatur kien semmielha wkoll li kellu xi inkwiet ma' huh l-attur u kien ghalhekk li ma xtaqx li jinomina lil huh bhala eredi. Fil-fatt jirrizulta li hu t-testatur kien tlewwem ma' huh meta tal-ewwel telaq lil

martu u t-tifla li kellu magħha u mar ma' mara oħra xi tletin sena iżgħar minnu. Skont it-testatur, dan l-aġir ta' huh tebba' l-ġieħ tal-familja u, għalhekk ma riedx jinkludih fit-testment li għamel. Din, fil-fehma tal-Qorti, turi ħsieb raġjunat, taqbel jew ma taqbilx miegħu, u jkompli jikkonferma l-istat tajjeb ta' moħħu.

Kif ingħad ix-xhieda tan-Nutar hija meqjusa importanti mill-ġurisprudenza, tant li ġieli kien hemm każijiet fejn ix-xhieda tan-Nutar twaqqa' l-analiżi kuntrarja li jkunu għamlu tobba mediċi. Dan jiġri peress li n-Nutar ikun fl-aħjar pożizzjoni li janalizza t-testatur fil-mument li jkun qed jirrediġi t-testment, u hu dak il-mument li jiddefinixxi l-validita` o meno tat-testment. Kif intwera ma hemmx għalfejn tkun xi għaref biex dak li jkun jikteb testment validu, u jkun biżżejjed li dak li jkun ikollu konoxxenza ta' ħwejġu u xi jrid jagħmel bihom. Din il-konoxxenza tista' taraha l-aħjar in-Nutar li tirrediġi t-testment.

F'dan il-każ, ix-xhieda tat-tobba li irreleтaw kontra s-sanita` mentali tat-testatur ma tantx huma attendibbli. Wieħed ikkonferma li l-aħħar darba li ra lill-imsemmi Louis Scicluna kien aktar minn tletin sena qabel ma xehed fl-2017, fil-waqt li l-opinjoni ta' tabib ieħor kienet riżultat ta' vista li kien għamel sitt snin qabel ma sar it-testment. Veru li hemm ix-xhieda ta' Dr. Josanne Aquilina li qalet li bl-operazzjoni li kienet saret fuq it-testatur, din wasslet għall-*"cognitive deficits with impaired judgement and disinhibited*

*behaviour",* pero`, dan ma jfissirx li hu ma kienx jaf x'inhu jaghmel b'mod assolut jew li ma kienx kapaci jirraguna ghal minimu mehtieg biex jaghraf lil min ghandu jhalli hwejgu u lil min le. Tajjeb li jissema wkoll li fl-atti hemm ix-xhieda ta' zewg tobba ohra li jghidu li l-istat mentali ta' Louis Scicluna kien tajjeb bizzejjed, anke biex, wara li sar it-testment, dan jaghmel prokura favur il-beneficjarja.

Dan juri kemm ghandha titqies importanti x-xhieda tan-Nutar li kienet l-unika persuna professjonista u neutrali li rat lit-testatur fil-mumenti li nkiteb it-testment. Din il-Qorti, kif inghad, lesta taghti affidabilita` lix-xhieda tan-nutar in kwistjoni u tqis, ghalhekk, bhall-ewwel Qorti, it-testment in kwistjoni validu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur Anthony Scicluna billi tichad l-istess u tikkonferma bis-shih is-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti | Joseph R. Micallef | Tonio Mallia |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm